**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 14 ta' Gunju 2021.**

**Rikors Nru. 269/2018 GM**

**(1) Carmelina Borg, (K.I. nru. 73537(M))**
**(2) Maryanne sive Mirian Vella, (K.I. nru. 846547(M))**
**(3) Agostina sive Ina Cini (K.I. nru. 809249(M))**
**(4) Angela sive Gillian Gauci Borda (K.I. nru. 469153(M))**
**(5) Claude Grima (K.I. nru. 209574(M))**
**(6) Simon Grima (K.I. nru. 483466(M))**
**(7) Anjelica Ellul (K.I. nru. 295469(M))**
**(8) Edward Grima Baldacchino (K.I. nru. 384167(M))**
**(9) Gordon Grima Baldacchino (K.I. nru. 322269(M))**
**(10) Vanessa Frazier (K.I. nru. 322369(M))**
**(11) Carmel sive Charles Grima (K.I. nru. 117338(M))**
**(12) Gemma Brownrigg (K.I. nru. 318542(M))**
**(13) Alessandra Spiteri (K.I. nru. 331162(M))**
**(14) Angelo Grima (K.I. nru. 135264(M))**
**(15) Victoria Grima (K.I. nru. 624843(M))**

**vs**

**(1) L-Awtorità ta' Malta Għall-Ipjannar, u b' digriet tal-Qorti tal-24 ta' Mejju 2018 il-Qorti ordnat li jitneħħew il-kliem "Malta Għall-"**

**(2) Ministru Għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali**

**(3) Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjetà**

**u b’ digriet tal-1 ta’ Ottubru 2018 ġew kjamati in kawza Frances Desira ID 468750(M) u Carmelo Vassallo ID 78876(M)**[1]

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat Carmelina Borg et li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

> Ir-rikorrenti huma flimkien sidien ta' porzjon art, parti minn porzjon akbar ġewwa Ħal Għaxaq f’żona magħrufa bħala 'Tal-Qattus'.
>
> Dwar din iż-żona akbar ġiet magħmula Planning Control Application (nru. 35/2012) bil-għan "to establish the zoning, building height and road alignment of the rationalization site (2006) Site at Tal-Giarda/Tal-Qattus, Triq Patri Girgor Grima, Triq Giovanni Scicluna, Għaxaq, Malta". L-esponenti dejjem urew in-nuqqas ta' qbil tagħhom għall-proposta kif magħmula; dan għaliex, fost l-oħrajn, din il-proposta kienet tinkludi illi jiġu mgħoddija żewġ toroq pubbliċi direttament minn fuq l-art proprjeta` tar-rikorrenti, deskritta aktar 'il fuq. Kien hemm alternattivi oħra li lilhom ma joħolqulhomx tali preġudizzju. Nonostante dan, din l-applikazzjoni ġiet milqugħa nhar it-tlieta (3) ta' Lulju elfejn u sbatax (2017) u ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern numru dsatax-il elf tmien mija tlieta u disgħin (19,893), datata l-ewwel (1) ta' Novembru elfejn u sbatax (2017).
>
> Il-proposta (dik bin-numru PC00035/2012) kif milqugħa u approvata mill-Ministru konċernat (fil-5 t'Ottubru 2017) (Dok. A), hija preġudizzjevoli fil-konfront tar-rikorrenti, u tikkawżalhom danni, kemm minħabba l-invażjoni proġettata fl-art proprjeta` tagħhom (wara li fil-passat, diġa` kienet ingħaddiet triq oħra minn fuq l-istess porzjon art - illum magħrufa bħala Triq il-Qattus), kif ukoll minħabba riservi oħra, kemm legali, kemm ta' żvilupp, u kif ukoll ta' natura proċedurali. Apparti hekk, kif approvata, din l-applikazzjoni taffettwa gravament il-proposta tar-rikorrenti quddiem l-Awtorita` tal-Ippjanar, għall-iżvilupp tal-istess proprjeta`, dik bin-numru 0333/2007, li ppreċediet il-Planning Control Application fuq imsemmija.

[1] B’digriet tal-Qorti tal-Appell tat-13 ta’ Ġunju 2024 il-kliem “u b’ digriet tal-1 ta’ Ottubru 2018 ġew kjamati in kawża Frances Desira ID 468750(M) u Carmelo Vassallo ID 78876(M)” ġew imħassra minn mal-atturi u ġew miżjuda mal-konvenuti

Ifisser illi d-deċiżjonijiet meħuda mill-intimati, u/jew l-organi tagħhom, huma tali illi jiksru l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u illi b'daqstant, hemm lok għall-istħarriġ ġudizzjarju tal-istess u għall-għoti tar-rimedji kontemplati fil-liġi.

Edward Grima Baldacchino (K.I. nru. 384167(M)) f'ismu personali u għan-nom tal-bqija tar-rikorrenti, jiddikjara illi jaf b'dawn il-fatti huwa personalment.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-approvazzjoni tal-permess għall-applikazzjoni numru PC00035/2012 hija nulla, invalida, u mingħajr effett, u dan għar-raġunijiet provduti mill-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara konsegwentement, bl-istess mod nulla, invalida, u mingħajr effett kull deċiżjoni konsegwenti, u/jew sussegwentement meħuda għall-approvazzjoni tal-permess indikat hawn fuq, inkluż l-approvazzjoni tal-Ministru u/jew tas-Segretarju Parlamentari intimat/i;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi b'konsegwenza ta' dan li ġara, ir-rikorrenti sofrew danni, u tikkonferma illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni u l-ispejjeż l-oħra sofferti mir-rikorrenti kif fuq spjegat;

4. Tillikwida, jekk tħoss il-ħtieġa permezz ta' periti nominati, id-danni u l-ispejjeż sofferti mir-rikorrenti;

5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

6. Tinibixxi definittivament lill-intimati milli jgħaddu xi toroq jew illi japprovaw illi jiġu mgħoddija xi toroq minn fuq il-proprjetà tar-rikorrenti;

Bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Awtorita` tal-Ippjanar li permezz tagħha eċċepiet illi :-

1. Preliminarjament isem l-Awtorita' eċċipjenti ma ġiex ċitat korrettement u trid issir id-debita korrezzjoni fl-okkju.

2. Preliminarjament ukoll, l-atturi jridu jressqu prova dwar it-titolu li għandhom dwar i1-proprjeta' mertu tal-kawża.

3. Dejjem in linea preliminari, l-Awtorita' eċċipjenti ma tistax, u m'għandiex, twieġeb għat-talbiet attriċi billi d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni PC numru 35/2012, li tagħha qed jintalab it-tħassir, ma tteħditx mill-Awtorita' tal-Ippjanar iżda mill-Ministru konċernat. (Ara l-Artikolu 58(2) tal-Kapitolu 504 tal-Liġijiet ta' Malta). Għaldaqstant l-Awtorita' eċċipjenti m'hijiex il-leġittima kontradittriċi f'din il-kawża u għandha għalhekk tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju.

4. Subordinatament, mingħajr assolutament ebda ħsara għall-premess, dina l-Onorabbli Qorti hi eżawtorata milli tistħarreġ u tiddeċiedi dwar il-mertu tat-talbiet attriċi, billi s-subinċiż (5) tal-Artikolu 54 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi "mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju" xieraq għall-atturi fir-rigward ta' dak lamentat minnhom f'din il-kawża. B'hekk l-azzjoni attriċi hi legalment inammissibbli u improponibbli, u dan skont dak provdut fis-subinċiż (4) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Dejjem bla ħsara għall-eċċezzjonijiet preċedenti, il-karenza tal-interess ġuridiku tal-atturi li jressqu, u jmexxu 'l quddiem, din l-azzjoni tagħhom fil-konfront tal-Awtorita' tal-Ippjanar stante n-nuqqas tal-istess atturi li jirreġistraw l-interess tagħhom fil-proċess tal-PC application mertu ta' dan il-każ fiż-żmien sabbilit bil-Liġi għal dan il-għan. B'rabta mal-eċċezzjoni numerata erba' (4), ir-reġistrazzjoni tal-atturi bħala terzi persuni interessati fil-proċess tal-PC application in kwistjoni, jikkostitwixxi wkoll "mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju" disponibbli għall-atturi skont il-Liġi tal-Ippjanar.

6. Dejjem in linea preliminari, u mingħajr assolutament ebda ħsara għall-eċċezzjonijiet preċedenti, kemm-il darba din l-azzjoni hi maħsuba li timpunja xi għemil imwettaq mill-Awtorita' fil-proċess tal-PC application numru 35/2012, qed tiġi eċċepita d-dekadenza/perentorjeta' tal-azzjoni

attriċi a tenur it-tielet (3) subinċiż tal-Arikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, billi r-rakkomandazzoni finali tal-Awtorita' dwar l-istess applikazzjoni ngħatat mill-Kunsill Eżekuttiv (tal-istess Awtorita`) lura fit-tlieta (3) ta' Lulju 2017.

7. L-azzjoni kif imfassla hi nsostenibbli u mproponibbli billi l-atturi ma ndikawx taħt liema fost il-kawżali tal-Artikolu 469A qed isejsu t-talbiet tagħhom.

8. Dejjem bla ħsara għall-premess, ir-rimedju li qed jintalab mill-atturi fis-sitt (6) talba tagħhom, m'huwiex wieħed fost ir-rimedji li l-Qorti tista' takkorda f'azzjoni ta' din ix-xorta.

9. F'kull każ, u mingħajr assolutament ebda ħsara għall-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi (i) kull għemil imwettaq mill-Awtorita' fil-proċess tal-PC application numru 35/2012; u (ii) id-deċiżjoni li ttieħdet fir-rigward tal-istess applikazzjoni; kienu perfettament konformi ma' dak li trid il-Liġi.

10. Għalhekk l-għemil u l-involviment tal-Awtorita' konvenuta fiċ-ċirkostanzi u l-fatti li jsawru dan il-każ, bl-ebda mod ma jikkostitwixxu xi għemil ultra vires jew kontra l-Liġi kif imfisser taħt xi waħda jew aktar mill-kawżali tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

11. Ebda kumpens għad-danni ma hu dovut lill-atturi fiċ-ċirkostanzi tal-każ preżenti. Kull involviment li seta' kellha tal-Awtorita' eċċipjenti f'dan il-każ kien wieħed li jikkonforma b'mod sħiħ mal-Liġi u l-istess Awtorita' m'għamlet xejn li jista' b'xi mod irendiha passibbli għad-danni.

12. F'kull każ, u bla ħsara għall-premess, jispetta lill-atturi li jressqu prova tad-danni minnhom allegatament subiti, kif ukoll li jġibu prova illi l-Awtorita' taħti b'xi mod għal dawk id-danni, li jerġa' jiġi ribadit qed jiġu għal kollox kontestati.

13. It-talbiet kollha mressqa mill-atturi fir-rikors maħluf tagħhom huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet kollha mfissra f'din ir-risposta.

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi bil-liġi, u bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u tas-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprieta' li permezz tagħha eċċepew illi :-

1. In linea preliminari, ir-rikorrenti għandhom iġibu titolu oriġinali tagħhom fuq l-art imsemmija sabiex juru li huma qed jallegaw fir-rikors promutur;

2. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost ai termini tal-artikolu 469A(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex il-ġurisdizzjoni illi tissindika l-għemil amministrattiv mertu tal-kawża odjerna stante illi r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju a dispożizzjoni tagħhom, liema rimedju ma ġiex utilizzat, u ċjoe` d-dritt illi jitolbu lill-Kunsill Eżekuttiv ir-revoka jew tibdil ta' detizjoni li tirrigwarda applikazzjoni għall-kontroll tal-ippjanar li qed tiġi kkontestata fil-proċeduri odjerni u dan ai termini tas-subinċiż (5) tal-artikolu 54 tal-Att dwar 1-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 552). Peress li ai termini tal-artikolu 54 tal-Kap 552 huwa l-Kunsill Eżekuttiv fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar illi jikkunsidra applikazzjonijiet għall-kontroll tal-ippjanar, għalhekk kwalunkwe lment min-naħa tar-rikorrenti kellu jiġi ndirizzat lejn dan l-istess Kunsill;

3. Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju, l-intimati jissottomettu li r-rikorrent ma jistax jinqeda mill-azzjoni tal-istħarriġ ġudizzjarju kif kontemplata fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi fiċ-ċirkustanżi partikolari ta' dan tal-każ l-aċċettazzjoni tal-applikazzjoni ma kinitx riżultat ta' xi talba li għamlu r-rikorrenti u għalhekk ma kien hemm l-ebda għemil amministrattiv fil-konfront tar-rikorrenti u għalhekk din l-azzjoni ma tistax titkompla;

4. Mingħajr ħsara għal dak imsemmi fuq, anke jekk għall-gieħ tal-argument biss, wieħed kellu jqis li r-rikorrent kellu dritt iressaq azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, xorta waħda jinsab imxekkel milli jagħmel dan għaliex huwa naqas li jressaq l-azzjoni kontra l-Awtorita` intimata fi żmien sitt xhur minn meta l-applikazzjoni bir-referenza numru 00035/2012 mertu ta' din il-kawża ġiet milqugħa fit-3 ta' Lulju 2017.

5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, in linea preliminari wkoll, il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni u mhux mill-Ministru nnifsu u dan a tenur tal-artikolu 181B(1) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' din l-eċċezzjoni, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali mhuwiex il-leġittimu kontradittur għaliex l-artikolu 54(5) tal-Att dwar 1-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap 552) ikkwotat fil-paragrafi preċedenti, jikkonferma kemm id-deċiżjoni ttieħdet mill-Kunsill Eżekuttiv u mhux mill-Ministru, li ma jiffigura mkien f'dawn i1-proċeduri.

Għalhekk it-Ministru ma wettaq l-ebda għemil amministrattiv u għandu jiġi lliberat minn dawn il-proċeduri;

6. In linea preliminari wkoll, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Proprjeta' mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante illi d-deċiżjoni ttieħdet mill-Kunsill minkejja l-fatt li jkun hemm komunikazzjonijiet bejniethom. Il-Kunsill fi ħdan l-Awtorita` intimata stabbilit permezz tal-artikolu 38 tal-Kap. 552 huwa l-korp speċjalizzat mogħni b'setgħat wiesgħa u mgħammar b'nies tekniċi ntiżi fil-policies u fil-proċeduri relatati ma' dawn it-tip ta' applikazzjonijiet. Bħala konsegwenza ta' dawn il-poteri vasti, huwa l-Kunsill li għandu s-setgħa li jirrevoka jew jimmodifika din l-istess deċiżjoni u l-ebda entita' jew persuna oħra. Għalhekk is-Segretarju Parlamentari ma wettaq l-ebda għemil amministrattiv u għandu jiġi lliberat minn dawn il-proċeduri;

7. Ir-rikorrenti ma jispjegawx kif "dejjem urew in-nuqqas ta' qbil tagħhom għall-proposta kif magħmula" u fil-fatt huma ma rreġistrawx l-interess tagħhom fil-proċess tal-applikazzjoni għall-kontroll tal-ippjanar hekk kif stabbilit bil-liġi;

8. Inoltre mhux ċar a bażi ta' xiex u fuq liema kawżali imsemmija fl-artikolu 469A qegħdin jiġu msejsa t-talbiet tar-rikorrenti;

9. Is-sitt talba tar-rikorrenti għall-inibizzjoni definittiva tal-intimati milli jgħaddu xi toroq jew japprovaw illi jiġu mgħoddija xi toroq minn fuq il-proprjeta' tagħhom ma tista' qatt tiġi indirizzata fil-proċeduri odjerni stante illi l-Qorti taħt 1-artikolu 469A bħala qorti ta' reviżjoni ma tistax tieħu post il-Kunsill speċjalizzat u tidħol fuq il-valutazzjoni ta' liema policies japplikaw għall-applikazzjoni mertu tal-kawża odjerna. Il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti hija waħda ta' stħarriġ tal-proċedura li tista' twassal biss, jekk ikun il-każ, għal dikjarazzjoni ta' invalidita` tal-eżerċizzju tad-diskrezzjoni amministrattiva. Dan ġie affermat fil-kawża fl-ismijiet Joseph Attard vs Enemalta Corporation deċiża mill-Imħallef Geoffrey Valenzia fil-5 ta' Ottubru 2001, fost oħrajn;

10. Ma jistax wieħed jilmenta li deċiżjoni hija nulla, invalida u mingħajr effett sempliċement għax l-applikazzjoni ma ġietx milqugħa. Hu stat ta' fatt li minn imkien ma jirriżulta li kien hemm ksur kontra l-prinċipji fundamentali tal-ġustizzja jew xi żball kontra xi liġi miktuba u lanqas xi żball manifest u sostanzjali u għalhekk l-esponenti umilment jisħqu li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad it-talbiet tar-rikorrerni in toto;

Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hija limitata għall-eċċezzjonijiet preliminari imqanqla mill-konvenuti u mill-imsejħin fil-kawża.

**Isem l-Awtorita` konvenuta.**

(Eċċezzjoni numru 1 tal-Awtorita`)

Isem l-Awtorita` konvenuta ġie kkoreġut bi provvediment tal-24 ta' Mejju 2018 u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` ġiet sorvolata.

**Prova tat-titlu.**

(Eċċezzjonijiet numri 2 tal-Awtorita`, 1 Segretarju Parlamentari u Ministru; 4 tal-imsejħin fil-kawża);

L-atturi ppruvaw sodisfaċentement it-titlu tagħhom permezz ta' kuntratti pubbliċi.[2]

[2] Fol 530

**Dekadenza.**

(Eċċezzjonijiet numri 6 tal-Awtorita`; 4 tal- Segretarju Parlamentari u Ministru)

Ir-Rikors Maħluf ġie ppreżentat fit-23 ta' Marzu 2018. Id-deċiżjoni finali, li tissejjaħ *Decision Notice*, hija datata 19 t'Ottubru 2017.[3] Għalhekk il-kawża saret entro t-terminu ta' sitt xhur rikjest mil-liġi. Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenuti li d-deċiżjoni li qiegħda tiġi attakkata ttieħdet fit-3 ta' Lulju 2017. Din ma kinitx tgħodd qabel ġiet irratifikata mill-Ministru (jew Segretarju Parlamentari) u ppubblikata. Fi kwalunkwe każ, f'każ ta' dubju f'dan ir-rigward, dan għandu jmur favur l-atturi, u mhux kontrihom.

**Leġittimazzjoni passiva.**

(Eċċezzjonijiet numri 5, 6 tal-konvenuti Segretarju Parlamentari u Ministru; 3 tal-Awtorita`, 1 tal-imsejħin fil-kawża)

L-Awtorita` tgħid li mhix il-leġittimu kontradittur għaliex id-deċiżjoni ħadha l-Ministru u mhux hi; il-Ministru u s-Segretarju Parlamentari jgħidu li għandha twieġeb l-Awtorita`; l-imsejħin fil-kawża jgħidu li huma ma ħadu l-ebda deċiżjoni.

[3] Dok 0M13 ippreżentat minn Oliver Magro fis-seduta tal-24.09.2019

Il-proċedura ta' *PC application* issir skont regolamenti li jinstabu f' L.S. 552.07 li jirrikjedu li wara li l-applikazzjoni tiġi validata, l-Awtorita` tiddeċiedi wara li tisma' r-rappreżentazzjonijiet li jsirulha. Jekk id-deċiżjoni tkun li tiċħad l-applikazzjoni, tippubblikaha bir-raġunijiet tar-rifjut. Jekk ma tiċħadhiex, hi tirrakkomanda lill-Ministru biex japprovaha. Jekk il-Ministru japprovaha, l-Awtorita` tippubblika d-deċiżjoni finali. Għalhekk, il-parteċipazzjoni ta' kull wieħed minnhom, kienet *sine qua non* biex ittieħdet id-deċiżjoni finali: mingħajr ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorita`, il-Ministru (jew Segretarju Parlamentari) ma jistax japprova *PC application* u bil-maqlub, mingħajr l-approvazzjoni tal-istess Ministru (jew Segretarju Parlamentari) id-deċiżjoni ma tistax tidħol fis-seħħ. Barra minn hekk, id-deċiżjoni setgħet tiġi riveduta mill-Awtorita` skont Art.54(5) tal-Kap 552. Għalhekk m'hemmx dubju li l-konvenuti kollha huma leġittimi kontradittturi għat-talbiet tal-atturi partikolament għat-tħassir tad-deċiżjoni in kwistjoni. Il-kjamati fil-kawża, għalkemm ma ddeċidewx huma, u allura ma jistgħux iwieġbu għat-talbiet tal-atturi, għandhom interess evidenti fl-eżitu ta' din il-kawża, u għalhekk setgħu jissejħu f'din il-kawża appuntu biex iħarsu l-interessi tagħhom.

**Rimedju alternattiv.**

(Eċċezzjonijiet numri 4 u 5 tal-Awtorita`, 2 tal-konvenuti, 2 tal-imsejħin fil-kawża)

Skont Art. 469A(4) tal-Kap 12, din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni biex tistħarreġ il-validita` ta' għemil amministrattiv, jew li tiddikjarah null, meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ksib ta' rimedju jiġi pprovdut f'xi liġi oħra. Regola li hija waħda tassattiva u torbot idejn il-Qorti – kuntrarjament għall-każ ta'

rimedju ordinarju disponibbli meta tinfetaħ kawża dwar ksur ta' drittijiet fundamentali, f'liema każ il-Qorti għandha diskrezzjoni tismax il-kawża jew le.[4] Għalhekk, kif dejjem enfasizzat il-ġurisprudenza[5] Il-kompetenza ta' din il-Qorti hija waħda strettament residwali.

Il-każ preżenti jitratta *PC Application*, li tiġi ppublikata biex kull min ikollu nteress jirreġistra l-interess tiegħu fil-perjodu stabbilit (15-il jum) u b'hekk ikun jista' jressaq l-ilmenti tiegħu dwarha.[6] Mhux ikkontestat li l-pubblikazzjoni saret (anzi saret għal tliet darbiet minħabba emendi fl-applikazzjoni) u ħadd mill-atturi ma rreġistra l-interess tiegħu fit-terminu stabbilit (fit-tliet okkażjonijiet). Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi jsostnu illi anke kieku rreġistraw l-interess tagħhom, dak kien ikun kollu għalxejn billi (i) l-attitudni tal-Awtorita` kienet li ġaladarba kien hemm il-kunsens ta' 75% tas-sidien, ma jagħtux każ tal-fehma tal-minoranza u (ii) xorta waħda ma kellhomx jedd jappellaw f'każ ta' deċiżjoni sfavorevoli għalihom, billi m'hemmx appell minn deċiżjonijiet dwar bdil fiż-zoning[7]. Din il-Qorti ma taqbilx. It-threshold tal-75% hi sempliċiment biex tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni.[8] L-"attitudni" tax-xhud tal-Awtorita`, kif hekk espressa waqt dawn il-proċeduri, hija xi ħaġa li seħħet *ex post facto* d-deċiżjoni rilevanti u anke jekk stess tirrifletti dak li possibilment kien jiġri li kieku l-atturi rreġistraw l-interess tagħhom, ma jfissirx li bilfors kien sejjer jiġri hekk. Imbagħad, iċ-ċirkostanza li ma jkunx hemm dritt t'appell minn deċiżjoni ma jfissirx li m'hemmx rimedju diment li qabel dik id-deċiżjoni, ikun hemm jedd li wieħed isemma' leħnu u jressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu. Terga' u tgħid,

---

[4] Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni.
[5] ara per eżempju Garden of Eden Garage Ltd v Awtorita`Għat-Trasport f'Malta 26.06.2015 Qorti tal-Appell; Kunsill Lokali Birzebbuga v Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar 07.07.2004 minn din il-Qorti diversament ippreseduta.
[6] Ara Regolamenti numri 2 u 7 tal-L.S. 552.07
[7] Art. 54(2) u (4) Kap 552
[8] Reg. 4(3)(a) L.S. 552.07

għalkemm ma kellhomx dritt t'appell, l-atturi setgħu talbu r-revoka *contrario imperio* tad-deċiżjoni, ex-Art. 54(5) tal-Kap 552:

> "(5) Il-Kunsill Eżekuttiv jista', fuq talba minn kull persuna, b'deċiżjoni jirrevoka jew jimmodifika deċiżjoni li tirrigwarda applikazzjoni għall-kontroll tal-ippjanar relatata mas-subartikolu (2) u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 80 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għal dik it-talba".

Mid-deċiżjoni tal-Kunsill Eżekuttiv skont Art. 54(5) hemm saħansitra dritt t'appell, b'applikazzjoni tal-Art. 80(3):

> "(3) L-applikant, jew il-persuna interessata li qed tagħmel talba taħt dan l-artikolu, jekk iħossu aggravat mid-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Ippjanar, għandu d-dritt li jappella d-deċiżjoni tal-Bord tal-Ippjanar quddiem it-Tribunal fi żmien tletin ġurnata mid-data tas-seduta meta d-deċiżjoni tkun ittieħdet".

Għalkemm min-naħa l-waħda l-esklużjoni tal-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti għandha tiġi nterpretata b'mod restrittiv, min-naħa l-oħra, fejn il-liġi toffri rimedju alternattiv, dan għandu jiġi utilizzat. F'dan il-każ, ir-rimedju – anzi, rimedji – jingħataw quddiem organu speċjalizzat u attrezzat biex japprezza sewwa l-materja in kwistjoni. Il-provvedimenti dwar stħarriġ ġudizzjarju qegħdin hemm biex il-fergħa ġudizzjarja tal-Istat tissorvelja l-fergħa eżekuttiva u tassikura li din ma tabbużax mis-setgħat li l-leġislatur jagħtiha u li ma teżerċitax setgħat li l-leġislatur ma jkunx taha (komportament *rite et recte*). F'xi okkażjonijiet il-leġislatur jipprovdi mekkaniżmi interni fil-fergħa amministrattiva sabiex iċ-ċittadin innifsu jipparteċipa fil-proċess tal-għemil amministrattiv. Dan hu wkoll mezz ta' kontroll fuq l-amministrazzjoni – differenti minn dak tal-istħarriġ ġudizzjarju. Filwaqt li l-Qrati għandhom kemm jista' jkun iżommu l-bibien tagħhom miftuħin beraħ għaċ-ċittadin, anke l-Qrati għandhom limiti mposti mil-leġislatur fl-operat tagħhom. Partikolarment, meta l-leġislatur jipprovdi rimedji oħrajn, u dawn ma jiġux utilizzati, speċjalment meta *si tratta*

ta' strumenti intiżi biex isiru rappreżentazzjonijiet **qabel** ma jittieħdu d-deċiżjonijiet amministrattivi, qajla jistgħu l-Qrati jagħtu kenn **wara** li d-deċiżjoni tkun ittieħdet – dejjem kemm-il darba li r-rimedji alternattivi jkunu faċilment disponibbli u adegwati.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita` konvenuta.

2. Tilqa' r-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-istess Awtorita`, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, u t-tieni eċċezzjoni tal-imsejħin fil-kawża.

3. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti u tal-imsejħin fil-kawża.

4. Tiċħad it-talbiet tal-atturi.

Spejjeż a kariku tal-atturi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA